TAGĦWIĠ L-ILSIEN!

Din il-logħba tintlagħab bejn żewġ plejers jew aktar. Kulma għandek bżonn hija dada u trid tkun lest biex tgħawweġ ilsienek.

Kif Tintlagħab

1. Biex tibda, kull plejer irid jitfa' d-dada u min iġib l-akbar numru jibda.
2. Il-plejer jitfa' d-dada. Jħares lejn in-numru li jkun ġab u jaqra t-tagħwiġ l-ilsien li hemm abbinat ma' dak in-numru.
3. Jekk il-plejer jirnexxilu jgħid it-tagħwiġ l-ilsien għal tliet darbiet mingħajr ma jieqaf u mingħajr ma jagħmel żball mela huwa jkun jista' jagħmel sinjal (✓) f'wieħed miċ-ċrieki provduti. Jekk il-plejer jitfixkel allura huwa jrid jagħmel salib (x) fiċ-ċirku.
4. Il-logħba tispiċċa meta t-tliet crieki ta' kull tagħwiġ l-ilsien jkunu ġew mimlija. Dak il-plejer li jirnexxilu jġib l-aktar ċrieki mimlijin bis-sinjal (✓) jirbaħ.
5. Jekk xi plejers iġibu l-istess numru ta' ċrieki tajbin, mela dawn iridu jerġgħu jitfgħu d-dada. Din id-darba huma jridu jaqraw it-tagħwiġ l-ilsien għal ħames darbiet wara xulxin mingħajr żbalji. Min minnhom ma jagħmilx żball jirbaħ!
6. Awguri!

Platti ċatti platti fondi, int u tiekol tikkonfondi

Toni tagħna tani tina tonda talli tajtu tuta tajba

Qafas tal-qasab imdendel mas-saqaf

Patri minn Napli mar Kapri għall-papri, mela f'Napli m'hemmx papri, biex patri minn Napli mar Kapri għall-papri

Trakk fuq trakk. Trakk taħt trakk

Dari rari tara re, tara lira tara re.

Find other free quality activity pages in the Activity Resources section at the Ponds of Wonder website: www.thepondsofwonder.com